# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta’ nhar il-hamis 14 ta’ Marzu, 2002

**Avviz numru : 151/1997G2(PC)**

Sanga Trading Limited .

vs

Gozo Football Association, kif rapprezentata minn Dr. Chris Said bhala president u Joseph Micallef bhala Segretarju .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-assocjazzjoni konvenuta tghid ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti tikkundannaha, prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni illi s-socjeta’ konvenuta tinsab debitrici fil-konfront tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ tlett mija u disgha u disghin lira u tlieta u disghin centezmu (Lm399.93), prezz ta’ zraben tal-futbol mibjugha u konsenjati lis-socjeta’konvenuta; inti tigi kundannata thallas din l-istess somma lis-socjeta’ attrici bl-interessi skond il-ligi mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-2 ta’ Settembru 1997 kontra taghkom; u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-assocjazzjoni konvenuta li eccepiet :

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt in kwantu illi l-Gozo Football Association ma ghandha thallas l-ebda bilanc lis-socjeta’ Sanga Trading Limited u dan kif jigi dettaljatament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza ;
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits u verbali tax-xhieha mismugha u d-dokumenti esebiti .

Rat in-nota ta' riduzzjioni ta' l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici tas-6 ta' Marzu 1998, fejn t-talba giet ghalhekk ridotta ghal mitejn disa' u disghin lira maltija u tlieta u disghin centezmu (Lm299.93) .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .

Ikkunsidrat :

Illi l-assocjazzjoni konvenuta mhux qed tikkontesta l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici bhala bilanc dovut ghall-bejgh lilha ta' kwantita' ta' zraben . Infatti id-dejn ta' l-assocjazzjoni versu s-socjeta' attrici kien gie rikonoxxut mill-President tal-Gozo Football Association permezz ta' ittra datata s-17 ta' Jannar 1996 fejn jinghad inter alia illi : "Il-hlas pendenti ser jintbghat fi zmien gimgha minn din l-ittra hekk kif nigbru l-flus kollha". Infatti l-bilanc dovut, hlief ghall-Lm299.93 mitluba, gew sussegwentement mibghuta lil Sanga Trading (ara statement 'Dok. A a fol .33) .
Imma ssostni madankollu illi permezz ta' ftehim li kien intlahaq bejn il-partijiet, is-socjeta' attrici kellha tirreklama l-prodotti taghha fil-Gozo Stadium ghall-prezz ta' tliet mitt lira (Lm300) fis-sena . Infatti rrizulta mix-xhieda ta' l-avukat dottor Chris Said li allura kien il-President ta' l-assocjazzjoni, illi in segwitu ghall-konferma da parti tas-socjeta' attrici, l-GFA kienet bdiet tirriserva spazju ta' reklamar fil-*ground* taghha ghas-socjeta' attrici . Pero' minkejja diversi nterpellazzjonijiet, din is-socjeta' ghar-ragunijet taghha baqghet qatt ma utilizzat l-istess spazju . Allura tikkontendi l-assocjazzjoni konvenuta, illi l-bilanc mill-ammont mitlub mis-socjeta' attrici, skond li *statement* hawn indikat, gie kkompensat ma' ammont ekwivalenti dovut mill-istess socjeta' ghall-ispazju riservat lilha ghar-reklamar kif fuq inghad .

Dwar it-tpacija (kompensazzjoni) l-Kodici Civili taghna jistipula illi :

"1196. (1) Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpacija .

(2) It-tpacija ssir *ipso jure*, u wkoll minghajr ma jkunu jafu d-debituri. Hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, jinqatghalu wiehed bl-iehor sa fejn ikunu ndaqs .
1197. (1) It-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus, jew kwantita' determinata ta' hwejjeg fungibbli ta' l-istess speci, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu ."

Evidenti ghalhekk illi t-tpacija tista' tapplika f'kaz bhal ma ghandna f'dak in ezami, u ma jidhirx illi hemm xi kontestazzjoni bejn il-partijiet f'dan ir-rigward .

Imma Martin Farrugia Randon, il-Generel Manager tas-socjeta' attrici, jinnega illi qatt kien sar xi ftehim bil-miktub dwar dan l-arrangament, u ghall-kuntrarju jsostni li l-partijiet kienu ghadhom fi trattattivi dwar dan ir-reklamar . Ghalhekk jikkontendi li s-socjeta tieghu ma kienet bl-ebda mod obbligata tirreklama fil-*ground* tal-GFA kif qed tippretendi l-istess assocjazzjoni .

Il-Qorti madankollu ma tistghax taqbel ma' din il-kontenzjoni tas-socjeta' attrici, ghax huwa evidenti mill-ittra responsiva li kien baghat fid-29 ta' Jannar 1996 l-istess Martin Farrugia Randon ghall-ittra ta' l-avukat Said tas-17 ta' Jannar 1996, illi huwa kien ikkommetta ruhu f'dan ir-rigward bil-mod segwenti :

"*2. We agree in having 2 'Lotto' adverts in the Gozo stadium for the cost of Lm300 . We, however, would like to know where do you propose having these adverts*" (a fol.11).

Veru li s-socjeta' attrici rriservat id-dritt li tkun taf fejn kellhom jigu esposti dawn ir-reklami, izda Dr. Chris Said spjega kif l-istess Farrugia Randon kellu diversi opportunitajiet jara fuq il-post fejn kienu ser jitwahhlu dwar ir-reklami, ghax hu stess kien igib Ghawdex l-ordnijiet taz-zraben li kienu jsirulu minn zmien ghal zmien mill-GFA . Irrileva wkoll illi meta kienu jsaqsuh meta ser jibghat dawn ir-reklami, dejjem kien iwiegeb illi ghadhom mhux lesti .

F'tali cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti hija tal-fehma illi l-ammont mitlub f'dan l-Avviz, kif ridott, u cioe' s-somma ta' mitejn disa' u disghin lira maltija u tlieta u disghin centezmu

(LM299.93) gie adegwatament pacut ma’ somma ekwivalenti (Lm300) dovuta mis-socjeta’ attrici lill-assocjazzjoni konvenuta.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ attrici .

(ft) Paul Coppini
Magistrat

(ft) Francis Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur
S15197G2(PC)
816